# MINUTI

## Laqgħa b'Urġenża tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 21**

**2 ta' Marzu 2018**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-17.40pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi-Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 21.1 Talba tal-bidu.

### 21.2 Sejħa għall-Offerti ta' dwal dekorattiv għat-toroq Kardinal Alessandro Franchi u Triq John Gaspard le Merchant.

21.2.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li din il-laqgħa ssejħet sabiex jiġu ċċarati xi punti mportanti dwar din is-sejħa għall-Offerti. Din is-sejħa trid turi b'mod ċar dak li qed jitlob il-Kunsill. Ma nistgħux noħorġu sejħa miftuħa għal kull stil ta' fanal għaliex dan jista joħloq kunflitt fl-istadju ta' evalwazzjoni għaliex ir-rakkomandazzjoni tal-bord tkun fuq dik l-offerta li hija ekonomikament vantaġġjuża kif ukoll teknikament *'compliant'* u l-offerti ma jistgħux jiġu evalwati fuq l-istil jew disinn tal-fanal. Għalhekk din il-laqgħa ssejħet sabiex il-membri jieħdu deċizzjoni dwar jekk iridux fanali klassiċi, moderni jew rustiċi. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li l-membri għandhom ikunu jafu wkoll x' tip ta' fanali se jkunu qed jintalbu u mhux biss l-istil. Għalhekk is-Segretarja ppreżentat kopja tad-dokumenti hekk kif ġew ppreżentati mill-Inġinier Mario Galea Curmi. Wara li nqara l-kontenut, sar ukoll kuntatt mall-Inginier Mario Galea Curmi nniffsu permess ta' telefonata. Dan sabiex ġew iċċarati mistoqsijiet dwar l-ammont ta' dawl li se jkunu jitfgħu. L-membri qablu li għandna nagħżlu l-istil Klassiku kif ukoll il-kulur tal-fanali għandhom ikunu ta' lewn iswed.

### 21.3 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-17.55pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Saviour Borg** | **Heidi Grech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |